Għodwa waħda Ġanni mar bil-flus tas-soltu u bil-ġarra tal-brandy u x'ħin ħabbat ma wieġbu ħadd. Fetaħ u daħal fir-razzett u jsib lil Gerit mixħuta kobba fl-art, kiesħa silġ, imħaddna mar-ġarra tal-brandy.

Kif sar l-iżbarr fuq il-katavru ta' mamma Gerit, it-tobba iddikjaraw li kellha fwiedha maħruqin bl-ispirtu. Tabib qal lil sieħbu, "Kienet tgħix għoxrin sena oħra li kieku ma tathiex għax-xorb".

---

## MARIDA

*Lil Ivo Muscat-Azzopardi, P.L.,*
*ħaddiem ħabrieki għall-Malti.*

*Ta'* VINCENT CARUANA

Il-warda għebet li fuq ħaddejn wiċċha
Tagħtiha kienet lemħa hekk sabiħa,
U wiċċha sfajjar miksi b'ħarsa siċċa
Idur bil-ħniena lejn it-twajba xiħa

Li wiċċha bl-għaraq qe'd timsħilha b'biċċa
Jew tmiss l-imħadda biex tar'ha mistrieħa,
U b'talba siekta tħares lejn in-niċċa
Li hemm mal-ħajt kif tisma' kull tqaħqiha.

Ix-xiħa żżomm id-dmugħ għax tifhem sewwa
Li daż-żegħil ma jiswa qatt t'għajnuna
Għaliex il-marda daħlet wisq 'il ġewwa.

Għalkemm ftit ieħor tilħaq tiksaħ idha
Jien ma nxerridx għaliha demgħa sħuna,
Għax jien mitt ħafna qabel il-marida.

---

# META JDUR IR-RIH!

—00—

## KUMMIEDJA GHAX-XANDIR

TA'

IVO MUSCAT-AZZOPARDI

---

Hadd ma jista' jaħdem fuq il-palk, jew ixandar minn fuq ir-Rediffusion, jew juża xort'oħra din il-biċċa teatrali mingħajr is-sensja tal-kittieb.

---

Stampat fid-Dar ta' San Ġużepp—Hamrun.